MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 659/2005

MrBookmaker.com Ltd.
vs
Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ippremettiet:

Illi s-socjeta` attrici, MrBookmaker.com Ltd., kienet stabbilita bhala Kumpanija b'Kummerc Internazzjonali f'Malta, registrata ai termini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u kienet awtorizzata tezegwixxi attivitajiet kummercjali kif deskritti *fil-Memorandum and Articles of Association* ta' l-istess socjeta`, senjatament li tipprovdi servizzi ta' *online* u *remote gambling* u *gaming* inkluz *(sports) betting* independentement tal-lokazzjoni ta' l-attivita` (sportiv);

Illi s-socjeta` attrici kienet ukoll licenzjata sabiex tezegwixxi l-attivitajiet sucitati mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ta' Malta;

Illi permezz ta' citazzjoni datata 3 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet 'Stichting De Nationale Sporttotalisator-v-Curaworld N.V et' is-socjeta` konvenuta kienet fethet kawza kontra s-socjeta` attrici (fost ohrajn) fil-Qorti t'Arnhem, fl-Olanda fejn kienet talbet sabiex jigu restritti l-attivitajiet tas--socjeta` attrici, MrBookmaker.com Ltd., fir-rigward tar-residenti Olandizi;

Illi l-kawza sucitata kienet giet ceduta mis-socjeta` konvenuta f'dawn il-proceduri wara transazzjoni permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2003, indirizzata lill-avukat Eric van Gelderen, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, u ffirmata mill-avukat Ewout Keuleers, ghan-nom tas-socjeta` attrici, fejn is-socjeta` attrici ntrabtet illi tiehu l-passi necessarji sabiex taghmilha kemm jista' jkun difficli ghal residenti Olandizi sabiex jippartecipaw fis-servizzi *online* taghha;

Illi ai termini tal-ligi ta' l-Unjoni Ewropeja, senjatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat, socjetajiet stabbiliti f'pajjiz membru ghandhom ikollhom id-dritt u l-liberta` li jipprovdu u jirreklamaw is-servizzi taghhom fis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropeja;

Illi, ghalhekk, s-socjeta` attrici, kif legalment stabbilita u licenzjata f'Malta kienet tista' legalment toffri u tipprovdi servizzi *on-line* lil persuni ohra residenti fl-Unjoni Ewropeja, inkluz lir-residenti Olandizi;

Illi ghalhekk il-ftehim sucitat tas-16 ta' Gunju 2003 kienet kontra l-ligi u konsegwentement nulla u bla effett;

Illi kemm ai termini tal-ligi Olandiza, kif ukoll ai termini tal-ligi Ewropeja, resident Olandiz kien jista' legalment jippartecipa f'loghob ***online***;

Illi, nonostante dan, is-socjeta` attrici, volontarjament u bhala sinjal tar-rieda tajba taghha, kienet tat lok ghal

mizuri necessarji sabiex taghmilha kemm jista' jkun difficli sabiex residenti Olandizi jippartecipaw fis-servizzi *online* taghha;

Illi minkejja l-isforzi sucitati tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kompliet tostakola l-attivitajiet legali tas-socjeta` attrici permezz ta' ittri ta' theddid u mizuri ohra inkluz li tobbliga s-socjeta` attrici tuza ***geolocation software*** fir-rigward ***tas-servers*** taghha f'Malta, liema mizuri kienu jmorru oltre l-ftehim sucitat;

Illi dan l-agir da parti tas-socjeta` konvenuta kien imur kontra lftehim tas-16 ta' Gunju 2003 u peress illi s-socjeta` konvenuta kienet naqset mill-obbligu taghha ta' ***buona fede***;

Illi s-socjeta` attrici da parte taghha dejjem kienet applikat l-istess ftehim in buona fede u ma kenitx naqset mill-obbligi taghha f'dan irrigward;

Illi dan l-agir da parti tas-socjeta` konvenuta kien abbusiv, kontra l-principji tal-kompetizzjoni hielsa u vjolazzjoni tal-principju genrali tal-liberta` li tipprovdi servizzi ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat;

Illi konsegwenza ta' dan l-agir tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici kienet sofriet id-danni inkluz telf fil-qliegh;

Illi s-socjeta` attrici kellha interess li tkompli tezegwixxi l-attivitajiet kummercjali taghha minghajr ostakoli u indhil da parti tas-socjeta` konvenuta;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet is-socjeta` konvenuta kienet baqghet tostakola u tindahal fl-attivitajiet tas-socjeta` attrici u kienet ippersistiet fl-agir abbusiv u illegali taghha;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici hija legalment stabbilita u illicenzjata f'Malta u in kwantu hekk intitolata sabiex tezercita attivitajiet ta' loghob *online* u

*remote,* senjatament *sports betting* independentement mill-pajjiz li fih ikun qieghed isir l-isport u inkluz li tirriklama u toffri dawn is-servizzi permezz ta' *1-internet* u b' mezzi ohra, fl-Unjoni Ewropeja inkluz lir-residenti ta' l-Olanda;

2. tiddikjara u tiddeciedi li ai termini tal-ligi Maltija u ta' l-Unjoni Ewropeja, senjatament ai termini ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat kif direttament applikabbli f'Malta, is-socjeta` attrici ghanda dritt legali li tezegwixxi attivitajiet u loghob *online* u *remote,* partikolarment *sports betting* independentement mill-lok ta' l-attivita`, u inkluz ir--reklamar u provvediment ta' dawn is-servizzi permezz ta' l-*internet* u pemezz ta' mezzi ohra fl-Unjoni Ewropeja inkluz lir-residenti ta' l-Olanda u dan abbazi ghad-dritt taghhom tal-liberta li jirreklamaw u joffru servizzi u tal-liberta` li jircievu servizzi rispettivament;

3. tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` attrici, senjatament li tirreklama u tipprovdi servizzi ta' *online* u *remote gaming* u *gambling,* ma jikkonsisti f'ebda att illegali u li l-access ghall-attivitajiet mir-residenti ta' l-Unjoni Ewropeja inkluz access ghas-*service platform* tas-socjeta` attrici li hija *hosted* u mmexxija rninn Malta ma taghtix fiha nnifisha vantagg abbusiv jew illegali favur l--istess socjeta` attrici u kontra s-socjeta` konvenuta;

4. tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` konvenuta fir-rigward tas-socjeta` attrici, senjatament li tillimita r-reklamar u l-provvediment tas-servizzi tas-socjeta` attrici fl-Unjoni Ewropeja, huwa abbusiv, illegali u jmur kontra kemm il-principju ta' kompetizzjoni hieles kif ukoll tal-liberta` li tipprovdi servizzi;

5. tiddikjara u tiddeciedi li kwalunkwe ftehim iffirmat bejn il-partijiet, senjatament il-ftehim permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2003, sabiex jigu restritti l-attivitajiet tas-socjeta` attrici huwa illegali, null u bla effett, u/jew tiddikjara u tiddeciedi li l-mizuri addizzjonali li qeghda tfittex li timponi s-socjeta` konvenuta sabiex tfixkel l-attivitajiet tas-socjeta` attrici, senjatament illi timponi uzu tal-*geolocation software,* imorru oltre l-imsemmi ftehim u huma abbusivi u illegali u mhumiex *in buona fede*;

6. tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tiddezisti milli tkompli fl-agir illegali u abbusiv taghha, inkluz li tobbliga ssocjeta` attrici timplementa *geolocation software* fir-rigward tas*servers* taghha f'Malta jew permezz ta' kwalunkwe mizuri ohra, kemm provizorji kif ukoll protettivi, kemm jekk sfurzati u kemm jekk ristrettivi;

7. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni, inkluz it-telf fil-qliegh, subiti mis-socjeta` attrici b'konsegwenza ta' l-agir abbusiv u illegali ta' l-istess socjeta` konvenuta;

8. tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici, inkluz it-telf fi qliegh, konsegwenza ta' l-agir abbusiv u illegali tas-socjeta` konvenuta;

9. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas bis-socjeta` attrici lammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u interessi legali kalkolati mid-data tal-prezentata ta' dan l-att kontra s-socjeta` konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Olga Finkel in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. In linea preliminari, illi din il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi l-eccezzjonijiet li jsegwu kienu qed jinghataw subordinatament u minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni preliminari.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel talba fic-citazzjoni kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda stante li l-fatt ma kienx pruvat li s-socjeta` attrici kienet licenzjata f'Malta sabiex tezercita

attivitajiet ta' loghob *online* u *remote,* senjatament *sports betting,* ma kienx jintitolaha li toffri dawn is-servizzi permezz ta' internet u mezzi ohra fl-Unjoni Ewropeja inkluz lil residenti ta' l-Olanda kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tieni talba attrici kellha tigi michuda peress li (i) ma kien hemm xejn fil-ligi Maltija li tippermetti l-agir tas-socjeta` attrici kontemplat fl-imsemmija talba; u (ii) l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja bl-ebda mod ma jiggustifika l-agir tas-socjeta` attrici kontemplat fl-imsemmija talba kif kien ser jigi pruvat waqt ittrattazzjoni tal-kawza.

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-tielet talba attrici kellha tigi michuda stante li bhala fatt l-agir tas-socjeta` attrici kien jikkostitwixxi agir illegali kemm abbazi ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif ukoll abbazi tal-fatt li tali agir kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi Olandiza kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-raba' talba attrici kellha tigi michuda stante li l-agir tas-socjeta` konvenuta ma kien bl-ebda mod abbuziv u illegali u dan kemm abbazi ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u tal-Qrati Olandizi u ligijiet Olandizi, kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-hames talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda stante li (i) l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja kien jikkoncerna limitazzjonijiet ghal moviment liberu tas-servizzi li huma imposti minn Stati Membri u ma kienx jaffettwa kuntratti konkluzi bejn partijiet privati. Ghalhekk l-Artikolu 49 ma kienx jista' jigi invokat mis-socjeta` attrici sabiex tigi ottenuta dikjarazzjoni li l-ftehim ta' transazzjoni datat 16 ta' Gunju 2003 kien illegali, null u bla effett u/jew ll l-mizuri li kienet qed tiehu s-socjeta` konvenuta sabiex timplementa l-imsemmi ftehim kienu abbusivi, illegali u

mhux in buona fede; u (ii) subordinatament u minghajr pregudizzju, anki kieku ghall-grazzja ta’ l-argument l-Artikolu 49 fuq citat kien jista’ jigi invokat xorta wahda din it-talba kellha tigi michuda stante li l-ftehim ta’ transazzjoni datat 16 ta’ Gunju 2003 bl-ebda mod ma kien jikser l-Artikolu 49; u (iii) il-mizuri li kienet qed tfittex li timponi s-socjeta` konvenuta kienu intizi semplicement sabiex jimplementaw il-ftehim tas-16 ta’ Gunju 2003 u jissalvagwarjaw id-drittijiet legittimi taghha.

7. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, is-sitt talba tas-socjeta` attrici kellha tigi michuda ghar-ragunijiet esposti fis-sitt eccezzjoni ta’ din in-nota li a skans ta’ ripetizzjoni kienet qed issir referenza espressa ghalihom. Inoltre l-attivitajiet tas-socjeta` attrici kienu illegali u jikkostitwixxu delitt (tort) fil-konfront tas-socjeta` konvenuta abbazi tal-ligi Olandiza u tal-gurispnidenza tal-Qrati Olandizi.

8. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet kontenuti fil-paragrafi sebgha sa disgha tac-citazzjoni attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda peress li s-socjeta` konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici li fi kwalunkwe kaz kienu jridu jigu pruvati.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. Caruana Scicluna in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat li fit-23 ta’ Jannar, 2007 il-Qorti kellha tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni u ikkonkludiet:
“Illi ghalhekk dwar l-ewwel eccezzjoni l-Qorti tiddikjara li dwar l-aspett tal-gurisdizzjoni certament huwa applikabbli:

- l-artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropeja (ara wkoll Kap 460 art 3 u 4).
- ir-Regolament Ewropew 44 tal-2001 riferibbilment ghal ***Civil*** u ***Commercial Matters*** kif definiti fl-artikolu 1.
- oltre l-artikolu 2(1) riferibbli ghal domicilju u l-pre-amboli 11 u 12 tar-Regolament huwa applikabbli l-artikolu 5 tal-imsemmi Regolament b'mod li f'materji dwar kuntratt huma l-Qrati tal-post fejn ghandha ssir il-***performance of the obligation*** waqt li f'materji ta' ***tort***, ***delict or*** kwazi ***delict*** fil-Qrati "***where the harmful event occurred or may occur***".

Ghalhekk hu necessarju li l-Qorti taghti zmien lill-partijiet biex jaghmlu l-provi taghhom dwar l-artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001."

**C. NOTA TA' ECCEZZJONIJIET ULTERJURI:**

Illi fl-14 ta' Awissu 2007 gie prezentat rikors mis-socjeta` konvenuta fejn minhabba li s-socjeta` attrici giet akkwistata mill-Unibet Group u li s-socjeta` attrici allegatament ilha ma tinnegozja sa mill-ahhar ta' Dicembru 2005, u peress li s-socjeta` attrici sahansitra irritornat il-*Gaming License* taghha lill-Awtorita` Dwar il-Lotteriji u Loghob, fuq il-bazi ta' l-artikolu 728(2) tal-Kap 12, minhabba li c-cirkostanzi msemmija irrizultaw wara li s-socjeta` konvenuta ipprezentat in-nota ta' eccezzjonijiet taghha, u l-imsemmija cirkostanzi gew ikkonfermati biss issa mill-affidavit ta' Johan Petter Erik Nylander, talbet li tipprezenta risposta guramentata ulterjuri li tghid:

"In-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attrici f'din il-kawza, stante li l-attrici giet akkwistata mill-kumpanija Unibet (International) Limited u jirrizulta minn xhieda mressqa mill-istess attrici li hija ilha ma tinnegozja sa minn Dicembru 2005 u rritornat il-*gaming licence* taghha lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob, b'dan illi ma baqalhiex l-interess guridiku necessarju tenut kont tat-talbiet kif imressqa fic-citazzjoni."

Rat li fit-8 ta' Ottubru 2007 Dr. Mizzi ghas-socjeta` attrici, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ulterjuri, iddikjara li

m'ghandux oppozizzjoni ghal li din tigi prezentata in vista tal-fatt li l-fatti li taw lok ghall-eccezzjoni irrizultaw wara l-prezentata ta' l-eccezzjonijiet originali, u ghalhekk giet awtorizzata l-prezentata ta' l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**D. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Johan Petter Erik Nylander li qal li mill-1 ta' Awissu 2005 kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Executive Officer* tal-Unibet Group, li l-*parent company* taghha hija Unibet Group p.l.c. registrata f'Malta (C-39017) u fid-19 ta' Awissu, 2005 giet akkwistata Global Leisure Partners Limited, *parent company* ta' MrBookmaker.com Limited, registrata f'Malta (C-27649). B'hekk is-socjeta` attrici saret parti mill-Unibet Group u ghadha registrata mal-kumpaniji Maltin u ghalkemm m'ghamlitx kummerc minn Dicembru 2005 ix-xoghol taghha jista' jerga' jibda u l-*brand* "*relaunched*" fil-futur. Semma li kif fehem hu l-kwistjoni kienet wahda ta' "*tort*" u jhoss li l-*harmful events occurred or may occur in Malta*. Semma li s-socjeta` attrici giet kostitwita f'Malta f'Jannar 2001 mar-Registratur tal-Kumpaniji u b'ufficcju registrat f'Malta. Meta l-attrici istitwit il-kawza odjerna kienet licenzjata f'Malta mill-Malta Lotteries and Gaming Authority u kienet awtorizzata li taghmel *gaming and betting activities* mis-*servers* minn Malta [licenzja] *hosted* mill-Bell Med Limited u Maltanet Limited – zewg kumpaniji li jipprovdu *hosting facililties* ghal servizzi ta' l-*internet*. Illum il-licenzja giet ritornata u l-attivita` tas-socjeta` attrici waqfet u saret il-*migration* tal-*customer database* lil kumpanija ohra sussidjarja tal-Unibet Group p.l.c. Zied li ghalkemm l-attrici ppruvat tapplika l-ftehim ta' bejniethom dwar laghba Olandizi, l-intimata xorta riedet lir-rikorrenti li timblokka l-access lir-residenti Olandizi ghal-loghob kollu offrut mir-rikorrenti u mhux biss *sports betting*, haga li ma

kenitx imdahhla fil-ftehim. Ukoll l-intimata insistiet li r-rikorrenti timponi l-uzu ta' *geolocation software* fuq is-*servers* tar-rikorrenti.

Xehed Mario Galea, *Chief Executive Officer* tal-Lotteries and Gaming Authority u qal li l-licenzja ta' Mr.Bookmaker.com Ltd illum hija maghluqa fis-sens li kellhom licenzja sal-perjodu ta' l-ahhar ta' Frar, 2005 mahruga fuq kumpanija li trid tkun operattiva, u dak iz-zmien kienet waqfet topera l-*business* taghha tal-*gaming*. Il-kumpanija kienet inbieghet lil kumpanija ohra u ma baqghetx topera hawn Malta.

Xehed Ian Curtis li semma li hu direttur ta' Bell Med Limited u li ilu direttur ghal dawn l-ahhar tliet snin u ikkonferma li fl-ahhar tliet snin qatt ma ipprovdew servizzi lis-socjeta` attrici.

Gie prezentat affidavit ta' Margaretha Elizabeth Koppenol-Laforce, avukat ghal 9 snin u *partner* fid-ditta legali Olandiza Houthoff Buruma NV u semmiet li hadmu ghall-kumpanija registrata f'Malta MrBookmaker.com Limited fi proceduri legali istitwiti kontra l-kumpanija fit-2 ta' Ottubru, 2005 mid-ditta konvenuta. It-talbiet tad-ditta De Lotto gew milqugha fil-21 ta' Novembru 2005 bil-kundizzjonijiet kif semmiet. L-appell ghadu pendenti sa meta iffirmat l-affidavit fil-15 ta' Ottubru, 2008.

Rat ukoll ir-risposti ta' Margaretha Elizabeth Koppenol-Laforce bir-rogatorji a fol 389. Irrizulta li fl-Olanda l-intimat mhuwiex marbut jipprezenta risposta ghar-rikors ta' appell fi zmien specifiku sakemm hux ordnat mill-Qorti. Is-sentenza tal-Qorti Distrettwali tibqa' infurzabbli diment li ma tigix revokata fil-proceduri ta' l-appell. Fil-fatt is-socjeta` attrici odjerna ipprezentat appell. Ikun hemm diversi estensjonijiet u fis-16 ta' Dicembru 2008 kien hemm differiment iehor ta' 3 xhur u issa hemm iehor ghat-23 ta' Marzu, 2010.

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***E1. L-eccezzjoni ulterjuri:***

L-attrici insistiet li dwar l-interess taghha sal-31 ta' Dicembru 2005 cioe` sakemm kienet ghadha tinnegozja fil-qasam ta' l-*online* u *remote gaming*, hija kellha l-interess mehtieg sabiex tintavola t-talbiet kollha mnizzla fic-citazzjoni. Sostniet li kienet hi li fin-negozju u l-attivitajiet taghha kienet qed tigi ostakolata mill-agir allegatament abbusiv u illegali tas-socjeta` konvenuta, senjatament billi tigi mizmuma mis-socjeta` konvenuta milli tipprovdi liberament servizzi ta' *online* u *remote gaming* fl-Olanda.

Sostniet ukoll li wara l-waqfien tan-negozju mis-socjeta` attrici sa mill-1 ta' Jannar 2006, l-attrici ghad ghandha kull interess li tottjeni minn din il-Qorti dikjarazzjoni ta' l-illegalita` u n-nullita` ta' l-istess ftehim u/jew dikjarazzjoni tan-natura abusiva, ta' l-illegalita` u tal-*mala fede* tal-mizuri addizzjonali li fittxet timponi s-socjeta` konvenuta fuq is-socjeta` attrici. Semmiet li fit-2 ta' Ottubru 2005, is-socjeta` konvenuta istitwiet proceduri kontra s-socjeta` attrici quddiem is-Sezzjoni Civili tal-Qorti Distrettwali ta' Arnhem, fl-Olanda fejn allegat li s-socjeta` attrici agixxiet bi ksur ta' l-imsemmi ftehim tas-16 ta' Gunju 2003 *stante* li nies residenti fl-Olanda xorta baqghu jippartecipaw fis-servizzi *online* offruti mis-socjeta` attrici anke jekk dina ma kellhiex il-licenzji necessarji fl-Olanda; kif ukoll li s-socjeta` attrici kienet qed tikkompeti mas-socjeta` konvenuta b'mod ingust u b'hekk kienet qed tagixxi illegalment fil-konfront tas-socjeta` konvenuta in vjolazzjoni tal-*Betting and Gaming Act* Olandiza. Fil-21 ta' Novembru 2005, u cioe` qabel l-akkwizizzjoni tas-socjeta` attrici minn Unibet fejn it-talbiet tas-socjeta` konvenuta gew milqugha u l-attrici giet ordnata sabiex taghmilha impossibbli *b'effett immedjat* li persuni fl-Olanda jkollhom access ghall-*website* taghha u li jippartecipaw f'loghob ta' l-azzard permezz ta' l-*internet*, *telephone* jew mezzi ohra li huma offruti mis-socjeta` attrici minghajr licenzja.

Ghalhekk l-attrici irrilevat li sakemm il-proceduri ta' l-Appell jibqghu pendenti, l-effetti tal-penali li s-socjeta` attrici giet ordnata thallas lis-socjeta` konvenuta permezz tad-decizjoni tal-21 ta' Novembru 2005, li hija ezegwibbli provvizorjament, imorru oltre l-31 ta' Dicembru 2005; u

minhabba l-fatt li bejn l-istess partijiet ghad hemm appell penenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Olandiza li jittratta l-isetss mertu li qieghed jigi diskuss f'dawn il-proceduri quddiem dina l-Qorti, is-socjeta` attrici ghad ghandha interess fit-talbiet imressqa fic-citazzjoni u dan ghalkemm li llum m'ghadhiex tinnegozja.

***E2. Interess guridiku:***

Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone *et* vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta' Jannar, 2007 qalet:

"Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;

Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said *et noe*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` *pro et nomine*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VoII p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega li:

"*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non*

*esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto*."

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu.  Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley *et* vs Emanuel Coleiro *et noe*** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.  Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.  (Ara **Axiaq vs Mizzi *noe et*** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.  Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju.

(Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Illi fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela *et*** (App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-
"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa '*l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita` esistenza o violazione del diritto'*. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja."

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk:
"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".

Fis-sentenza **J. Muscat *et* vs R. Buttigieg *et*** (App. Civ. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:
"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fit-2 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet **George Laferla *et* vs Joseph Lauri *et*** inghad li:
"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993)."

Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

(**Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).

Illi f'sentenza ohra tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard** qalet li:
"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni".

***<u>E3. L-interess guridiku meta nfethet il-kawza :</u>***
Irrizulta li s-socjeta` attrici hija stabbilita bhala kumpanija b'kummerc internazzjonali (ITC) registrata *ai termini* tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u li fit-3 ta' Gunju 2003 is-socjeta` konvenuta fethet kawza kontra s-socjeta` attrici fil-Qorti ta' Arnhem fl-Olanda fejn talbet sabiex jigu restritti l-attivitajiet tas-socjeta` attrici fir-rigward ta' residenti Olandizi. Kien intlahaq ftehim fis-16 ta' Gunju 2003, li permezz tieghu s-socjeta` attrici ntrabtet illi tiehu l-passi necessarji sabiex taghmilha kemm jista' jkun difficli ghar-residenti Olandizi sabiex jippartecipaw fis-servizzi *online* taghha u b'rizultat ta' dan is-socjeta` konvenuta cediet il-kawza msemmija.

Izda fit-2 ta' Ottubru 2005 is-socjeta` konvenuta regghet istitwiet proceduri kontra s-socjeta` attrici quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Arnhem fl-Olanda, fejn allegat li s-socjeta` attrici agixxiet bi ksur ta' l-imsemmi ftehim tas-16 ta' Gunju 2003 u li s-socjeta` attrici kienet qed tagixxi illegalment fil-konfront tas-socjeta` konvenuta in vjolazzjoni tal-ligi Olandiza. Gara li fil-21 ta' Novembru 2005, il-Qorti Olandiza tat decizjoni enforzabbli provvizorjament favur is-socjeta` konvenuta li permezz taghha s-socjeta` attrici giet ordnata sabiex taghmilha impossibbli b'effett immedjat li persuni fl-Olanda jkollhom access ghas-servizzi taghha, u li thallas penali ta' €10,000 kuljum sakemm din tibqa' in vjolazzjoni ta' l-ordni msemmi precedentement basta tali ammont ta' penali ma jeccedix €1,000,000.

Il-kawza odjerna giet intavolata fit-12 ta' Lulju, 2005, u jidher li certament f'dik id-data kien jissussisti l-interess guridiku fis-socjeta` attrici. It-talbiet jirrigwardaw interess

legittimu billi l-istess socjeta` attrici qieghda tfittex li tipprotegi d-dritt legali taghha *ai termini* tal-ligi Maltija u ta' l-Unjoni Ewropeja, li topera fl-industrija ta' l-*online* u *remote gaming* indipendentement mil-lok ta' l-attivita`, liema dritt jinkludi r-reklamar u l-provvediment ta' servizzi lir-residenti kollha ta' l-Unjoni Ewropeja, inkluzi r-residenti ta' l-Olanda.

Kif tghid is-socjeta` attrici:
'F'dan ir-rigward huwa ta' rilevanza il-fatt illi l-Kummissjoni Ewropeja nnifisha bdiet *infringement proceedings* kontra l-istat Olandiz minhabba l-limitazzjonijiet illegali fuq il-liberta` li jigu pprovduti servizzi (dritt garantit mill-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Kommunita Ewropeja) ikkawzati mis-sistema ta' *single-license* adottata mis-socjeta` konvenuta fil-kaz ta' *sports betting* (fejn DeLotto ghandha monopolju). Il-Kummissjoni Ewropeja irrilaxxat *reasoned opinion* dwar dan l-allegat ksur ta' dritt naxxenti mill-imsemmi trattat, li fiha qeghda tirrikjedi bidla fil-ligijiet Olandizi in kwistjoni sabiex dawn ikunu konformi mal-ligi ta' l-Unjoni Ewropea...'

Kien propju ghalhekk li s-socjeta` attrici istitwiet il-kawza odjerna u kellha kull interess legittimu li titlob lill-Qorti li tiddikjara, *inter alia*, li r-reklamar u l-provvediment ta' servizzi ta' *online* u *remote gaming* u *gambling* ma kienux jikkonsistu f'att illegali. Jinghad ukoll li peress li s-socjeta` konvenuta imponiet mizuri addizzjonali, fosthom li timponi l-uzu tal-*geolocation software*, li jezorbita mill-ftehim tas-16 ta' Gunju 2003, dan kien iwassal ghal interess legittimu tas-socjeta` attrici. Naturalment kellha interess li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta tkun dikjarata responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici, u li d-danni jigu likwidati u s-socjeta` konvenuta tigi ikkundannata thallas dawn id-danni.

Dwar l-aspett li l-interess guridiku jrid ikun attwali, certament li dan kien jissussisti fit-12 ta' Lulju 2005 meta s-socjeta` attrici istitwiet il-proceduri odjerni ladarba kienet ghadha topera f'dan il-qasam.

***E4. L-interess guridiku fil-kors tal-kawza:***

Kif inghad fuq, l-interess guridiku tas-socjeta` attrici jrid jibqa' jissussisti fil-kors tal-kawza. Dan l-interess irid jibqa' jintwera tul il-kawza kollha ghax jekk tali interess jigi nieqes il-kawza ma tkunx tista' tissokta. Irrizulta li *parent company* tas-socjeta` attrici, Global Leisure Partners Limited (C-28277), giet akkwistata mill-kumpanija Unibet Group p.l.c. (C-39017) skond ftehim datat 19 ta' Awissu 2005 b'effett mit-3 ta' Novembru 2006, u b'konsegwenza ta' ristrutturar tal-grupp socjetarju (li tieghu l-imsemmija Unibet Group p.l.c. hija l-*parent company*) li ssussegwa dan ix-xiri ta' l-ishma fil-GLPL, is-socjeta` attici giet trasferita mill-GLPL lill-imsemmija Unibet Group p.l.c. fis-6 ta' Novembru 2006.

Irrizulta pero` mix-xhieda ta' Johan Petter Erik Nylander li s-socjeta` attrici ghadha registrata fir-Registru tal-Kumpaniji f'Malta '*it has not traded since December 2005*'. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Mario Galea, *Chief Executive Officer* tal-Lotteries and Gaming Authority li s-socjeta` attrici kellha licenzja, izda kienet waqfet topera in segwitu li kienet inbieghet lil kumpanija ohra. Jidher li s-socjeta` attrici baqghet topera sal-31 ta' Dicembru 2005.

***<u>E5. Talbiet tar-rikorrenti:</u>***

L-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti tghid :

"tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici hija legalment stabbilita u illicenzjata f'Malta u in kwantu hekk intitolata sabiex tezercita attivitajiet ta' loghob *online* u *remote,* senjatament *sports betting* independentement mill-pajjiz li fih ikun qieghed isir l-isport u inkluz li tirriklama u toffri dawn is-servizzi permezz ta' l-*internet* u b' mezzi ohra, fl-Unjoni Ewropeja inkluz lir-residenti ta' l-Olanda."

Bla dubju li s-socjeta` attrici hija legalment stabbilita f'Malta u kienet licenzjata f'Malta fil-mument meta l-kawza giet istitwita, izda m'ghadhiex aktar licenzjata. It-talbiet sussegwenti tas-socjeta` attrici huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba ghax titkellem dwar id-dritt legali li s-socjeta` attrici tezegwixxi attivitajiet u loghob *online* u *remote*, partikolarment *sports betting*, u li l-agir tas-socjeta` attrici li tirreklama u tipprovdi servizzi ma tikkonsisti f'ebda att illegali kif ukoll li l-ftehim tas-16 ta'

Gunju, 2003 huwa legali. Dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu aktar illum il-gurnata peress li s-socjeta` attrici m'ghadx ghandha licenzja tal-Lotteries and Gaming Authority biex topera fl-industrija tal-lotteriji u loghob.

Izda fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` attrici jista' jkollha interess fis-7, 8 u d-9 talbiet riferibbli ghal danni bhala konsegwenza ta' l-ittra tas-16 ta' Gunju, 2003, u jekk dovuti, il-kwantifikazzjoni ta' tali danni.

**F. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara li meta giet istitwita l-kawza s-socjeta` attrici kellha l-interess guridiku necessarju biex tintavola l-kawza.

Tiddikjara li llum il-gurnata l-interess guridiku tas-socjeta` attrici ghadu biss jissussisti dwar it-talbiet 7, 8 u 9 minhabba li ntilef dwar it-talbiet l-ohra.

Tordna li l-provi jigu limitati ghall-provi dwar is-7, it-8 u d-9 talbiet, u ghalhekk tiddifferixxi l-kawza ghal dan l-iskop ghad-9 ta' Gunju, 2011 fl-10.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------